MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 731/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Carmel Decelis abbazi ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Carmel Decelis**

**Vs**

**Salvatore Laferla**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltija u hamsa u sebgin centezmu (Lm232.75), danni sofferti mill-attur Carmel Decelis u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici skond polza tat-tip comprehensive, salv ghal excess ta' Lm25 u Lm29.75 spejjez ghall-kiri ta' vettura

alternattiva, imhallas mill-istess Carmel Decelis, bhala rizultat ta' incident li sehh fit-3 ta' Gunju 2000 ghal habta tal-11.30 a.m. gewwa Triq Klerku, Fgura fejn il-konvenut ikkaguna hsara volontarja fil-vettura propjeta ta' l-attur Carmel Decelis, bin-numru CAL 845.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident li huwa l-meritu ta' din il-kawza.

Semgha lill-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Ikkunsidra:

1. Jibda biex jinghad li t-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet li huma konfliggenti ghal xulxin. Filwaqt li l-attur xehed li kien il-konvenut li kkaguna l-hsara fuq il-vettura tat-tip Peugeot 405 GRD bin-numru CAL 845 meta ta daqqa ta' ponn fuq il-parti ta' wara taghha, il-konvenut qieghed jichad ir-responsabbilta.

2. Mill-atti jirrrizulta li:

(a) Il-konvenut kien qieghed isuq *scooter* tat-tip muri fir-ritratt li gie pprezentat waqt ix-xhieda tieghu. Il-konvenut attira l-attenzjoni ghall-fatt li l-mutur ghandu *windscreen* fuq il-parti ta' quddiem.

(b) L-attur xehed li meta l-konvenut ta daqqa ta' ponn fuq l-*ispoiler* tal-vettura tieghu, il-mutur kien jinsab dritt warajh. L-attur spjega li d-daqqa kienet b'zewg ponnijiet. Fl-okkorrenza [Dok. RF8] hemm registrat li l-attur iddikjara li l-konvenut ta d-daqqa *"with his fist"*.

(c) Skond l-attur il-hsara fil-vettura tieghu kienet fl-ispoiler u l-but ta' wara. Fis-survey report prezentat mill-attur (Dok. RF10) jinghad: *"Altough the owner is insisting that the boot lid has been dented by the same damages, I cannot confirm this. Due to the fact that the boot lid*

*spoiler is not original, the fitting radial does not fit for this luggage boot.* ***However, the dents exactly under the spoiler bracket have been done when owner fitted this type of spoiler****"*.

(d) Il-konvenut xehed li ma ta l-ebda daqqa fuq l-ispoiler tal-vettura misjuqa mill-attur. Min-naha l-ohra fl-okkorrenza nsibu li qal lill-pulizija li, *"to avoid being hit by Decelis vehicle after sounding his horn but without success he brought Decelis attention by* ***Hitting with his Bare Fist the Vehicle's boot****"*. Fl-ebda stadju tal-proceduri ma gie allegat mill-konvenut li l-verzjoni tieghu kif insibuha fl-okkorrenza hija skorretta. Verzjoni li hija differenti minn dak li xehed il-konvenut fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2002. Il-konvenut xehed ukoll li l-attur kellu l-muzika ghaddejja fil-karrozza u t-twieqi maghluqin u li l-vettura waqfet ezatt mal-mutur.

(e) Il-konvenut qal li ma setax ighid jekk kienx hemm hsarat fuq il-vettura ta' l-attur.

(f) Filwaqt li l-konvenut xehed li l-vettura ta' l-attur kienet qeghda tirriversja, min-naha tieghu l-attur xehed li huwa kien wieqaf.

3. It-Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg verzjonijiet jistghu jkunu possibbli u m'huwiex konvint li l-verzjoni moghtija mill-attur ta' x'wassal ghall-incident hija iktar verosimili mill-verzjoni moghtija mill-konvenut. Fit-trattazzjoni l-avukat difensur tal-konvenut ghamel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Lawrence Caruana vs Anthony Falzon (Citaz. Nru: 359/92) deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, fejn gie osservat li: ***"Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjera, u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet". (Joseph Vincent Rausi vs Joseph Muscat, deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru, 1992). Il-gudikant allura kellu jasal ghall-konkluzzjoni li min***

***jallega u min allura kellu l-oneru tal-prova, ma jkunx issodisfa l-prova”***.

4. Min-naha l-ohra t-Tribunal jemmen li kien x’kien dak li wasal sabiex saret il-hsara fuq il-vettura Peugeot 405 bin-numru CAL 845, f’kull kaz il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal parti mill-hlas li qieghed jintalab. Kieku l-affarijiet graw skond il-verzjoni moghtija mill-konvenut, it-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu jaghmel tajjeb ghal nofs l-ispejjez minhabba li uza forza zejda meta ta daqqa ta’ ponn u kisser l-*ispoiler* tal-vettura propjeta ta’ l-attur. It-Tribunal irid jaghmilha cjara li b’daqshekk m’huwiex ighid li kkonvincitu verzjoni a skapitu ta’ l-ohra, izda li kienu x’kienu c-cirkostanzi l-konvenut dejjem ghandu responsabbilta sabiex jaghmel tajjeb ghall-parti mill-ispejjez.

5. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, ikun gust u ekwu li l-konvenut jaghmel tajjeb ghal nofs l-ammont mitlub, igifieri mija u sittax-il lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm116.37), bl-imghax mil-lum.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**